IL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
**Magistrat Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**

**Illum il-15 ta' Lulju 2021**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Lara Butters)**

**Versus**

**Mark Camilleri (293375M)**
**Christian Camilleri (362980 M)**

**Kumpilazzjoni Numru: 98/2017**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet kontra Mark Camilleri ta' 41 sena, iben Joseph u Maria Concetta xebba Mallia, imwieled Pieta nhar il-31 ta' Mejju 1975, u residenti Le Soleil, Fl 1, Triq Salvinu Spiteri, Santa Venera, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 293375(M)

U Christian Camilleri ta' 36 sena, iben Joseph u Maria Concetta xebba Mallia, imwieled Pieta nhar is-27 ta' Lulju 1980, u residenti fil-fond Jocone, Triq l-Irmigg, Msida u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 362980(M)

Akkuzati talli nhar it-2 ta' Dicembru, 2016 ghal habta ta 11.15am gewwa Triq il-Wied ta' l-Imsida u f'dawn il-Gzejjer:

1. Minghajr il-hsieb li joqtlu jew li jqieghdu l-hajja ta' haddiehor f'periklu car, ikkagunaw feriti ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Carl

Abela skond kif iccertifika Dr. Julian Sammut Alessi registration number 3628 tal-Isptar Mater Dei, u dan ai terminu ta' l-Art. 218 (b) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. U aktar talli ghamlu lil Carl Abela u lil Alfred Abela ngurji u theddid, jew jekk kienu pprovokati, ngurjaw b'mod li hargu barra mil-limiti tal-provokazzjoni, u dan ai terminu ta' l-Art. 339(e) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta.

3. U aktar talli qalu fil-pubbliku xi kliem oxxen jew indeċenti, jew ghamlu atti jew ġesti oxxeni, jew b'xi mod ieħor li mhux provdut f'dan il-Kodiċi, offendew l-morali, l-imġieba xierqa jew id-deċenza pubblika u dan ai terminu ta' l-Art. 338(bb) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta.

4. U aktar talli fl-istess hin lok u cirkostanzi volontarjament kissru l-bon ordni u l-paci pubblika b'ghajjat u glied.

Lil Christian Camilleri wahdu talli:

5. Permezz ta' xi network jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika ghamel użu ieħor mhux xieraq bih u dan ai terminu ta' l-Art. 49 (c) tal-Kap.399 tal-Ligijiet ta' Malta

Lil Mark Camilleri wahdu talli:

6. B'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni tiegħu, jew b'nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti, ikkaġuna ħsara jew ħassart xi ħaġa ghad-dannu ta' Alfred Abela u dan ai terminu ta' l-Art. 328(d) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta

7. U aktar talli, fl- istess data, lok u hin ikkagunajt feriti hfief fuq il-persuna ta' Alfred Abela skond kif iccertifika Dr. Julian Sammut Alessi registration number 3628 tal-Isptar Mater Dei.

Il-Qorti giet gentilment mitluba li f'kaz ta' htija tipprovdi ghas-sigurta ta' Carl Abela sabiex jinzamm il-bon ordni pubbliku flimkien mal-piena jew minflok il-piena applikabbli ghar-reati hawn fuq addebitati, torbot lill hati b'obbligazzjoni tieghu innifsu taht penali ta' somma flus li tigi iffissatha

kif jidhrilha xieraq l-Onorabli qorti u dan ai terminu tal-Art. 383 (1), (2) (3), tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta permezz ta' digriet datat 16 ta' Lulju 2018 mill-Prim Imhallef Emeritus Dr. Joseph Azzopardi.

Rat l-artikoli pprezentati fit-30 ta' Awwissu 2018, (esebiti *a fol.* 143 tal-atti processwali) fejn l-Avukat Generali deherlu li tista' tinstab htija (jew htijiet) fil-konfront tal-imputati taht dak li hemm mahsub;

Fil-konfront ta' Mark Camilleri u Christian Camilleri:

a. Fl-artikoli 214, 215, 216(1)(a)(ii)(iii) (b)(d)(2) u 218(1)(a)(b)(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
b. Fl-artikoli 339(1)(e) tal- Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
c. Fl-artikoli 338(bb) u 342 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
d. Fl-artikoli 338 (dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
e. Fl-artikoli 532A, 532B u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
f. Fl-artikolu 382A, 383, 384, 385, 386 U 412C tal- Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
g. Fl-artikoli 7,8,9,11,12,13,14,15,16,17,19,20,22 u 31 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Fil-konfront ta'Christian Camilleri wahdu:

h. Fl-artikolu 49 (c) tal-Kapitolu 399 tal-Ligijiet ta' Malta

Fil-konfront ta' Mark Camilleri wahdu:

i. Fl-artikolu 328(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
j. Fl-artikolu 214, 215 u 221 (1)(3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat li waqt l-udjenza tat-12 t'April 2019, l-imputati wiegbu li m'ghandhomx oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Rat d-dokumenti kollha pprezentati fl-atti processwali

Rat ix-xhieda ta' Carl Abela, Alfred Abela, PS491 Matthhew Galea, Justin Vella, Dr Julian Sammut Alessi, Robert Pirotta, Dr Mario Scerri, Joseph Zammit u ta' l-iSpettur Lara Butters.

Semghat ix-xhieda ta' Alfred Abela, Dr Julian Sammut Alessi, l-iSpettur Lara Butters, Mark Muscat u Dr Thomas Azzopardi.

Semghet it-trattazzjoni finali tal-partijiet fit-12 ta' Novembru 2020.

**Ikkunsidrat**

Illi fis-16 ta' Marzu 2017 xehed Carl Abela[1], fejn qal illi hu jahdem ma' missieru bhala tapizzar. Nhar il-Gimgha, 2 ta' Dicembu 2016, ghal habta tal-10.00am Mark u Chris Camilleri, l-imputati, kienu marru il-garaxx ta' missieru b'seats tal-karrozza. Dak il-hin hu kien wahdu fil-garaxx u huma bdew jispjegalu x'riduh jaghmel, izda hu qalilhom li ma setax jaqdihom dakinhar u kien ser jaqdihom it-Tnejn. Chris beda jissupervja u beda jidghi u jsabbat il-bieb tal-karrozza u Mark mar wicc ma' wicc ma' Carl jidghi. Hu qalilhom li kif jigi missieru jkellmu u huma hallew is-seats u telqu. Kien ilu snin jafhom u jahdmu flimkien, fil-fatt kienu hbieb. Kif wasal missieru, Alfred Abela, qallu x'gara, u missieru cempel lil Chris u qallu li peress illi kellu xi haddiema neqsin hu seta' jaqdih nhar it-Tnejn. Chris baqa' jinsisti li riedhom dakinhar, u missieru qallu biex jmur ghalihom u jehodhom ghand haddiehor ghax hu ma setax jaqdih dakinhar. Wara hames minuti wasslu l-imputati u dahlu b'rabja kbira u bdew jidghu u Mark qabad is-seat. Ix-xhud siktu, ghax kien hemm xi klijenti u qallu '*iskot harja*'. X'hin qallu hekk Mark, lix-xhud, waddablu s-seat u beda jaghtih u waqqghu mal-art bid-daqqiet. Jaf li meta missieru mar biex jwaqqfu lil Mark, dan waqqalu n-nuccalli mal-art, u huh l-iehor Chris flok mar biex jwaqqaf lil huh, kompla jaghtih waqt li kien mal-art. Ix-xhud qal illi hu garrab griehi f'wiccu, f'imniehru, fic-cheeks u f'subghajh kemm tax-xellug kif ukoll tal-lemin. Kellu n-nervituri maqtughin fis-saba' tan-naha tax-xellug u kellu dizabilita' permanenti. Ix-xhud pprezenta ritratti mmarkati bhala Dok CA1[2] u certifikati tat-tobba immarkati bhala Dok CA2[3]. Fil-kontro ezami x-xhud cahad li missieru kien rema' s-seats barra, imma kien poggihom fir-rampa tal-garaxx li jigi fil-propjeta taghhom. Il-

[1] Fol. 27 et seq.
[2] Fol. 39
[3] Fol. 42 to 45

konverzazzjoni ta' bejn missieru u Chris semaghha ghax kienu qeghdin jahdmu fl-istess karrozza, izda cahad illi missieru kien qalilhom biex jmorru ghal-affarijiet ghax kien ramiehom barra. Iz-zewg seats kienu qeghdin fuq ir-rampa tal-garaxx li ghalkemm qieghed fuq barra kienu ghadhom fil-propjeta taghhom. Meta waslu Chris u Mark, hu u missieru kienu fil-garaxx, kien hemm Robert Pirotta li jahdem maghhom, tal-petrol station u klijenti. Ix-xhud cahad illi apparti l-kliem li kien qal li qalhom, kien qalilhom kliem iehor qabel l-incident, ghax wara l-kliem mill-ewwel bdew jaghtuh. Wara li l-imputati bdew jaghtuh, beda joffendihom. Hu cahad li ta' xi daqqa ta' ponn lil xi hadd. Ix-xhud qal li kien intervjena missieru biex jwaqqaf lil imputati, u fil-fatt missieru kellu griehi ukoll u kissrulu n-nuccalli, ghax rah ma' l-art, imma ma jafx ezatt kif grat. Ix-xhieda l-ohra li kien hemm fil-garaxx, ukoll bdew iferquhom. Ix-xhud qal illi Mark kien tah xeba' f'wiccu, u hu spicca ma' l-art, u kif kien ma' l-art, Chris kien qabad jaghtih u laqtu f'subghajh. Ix-xhud qal li dakinhar stess kien mar l-isptar fejn hadulu x-rays u s-Sibt qalulu li kien hemm ksur u wara kien mar ghand l-ispecjalista Azzopardi.

Fis-16 ta' Marzu 2017, xehed ukoll Alfred Abela[4], illi fit-2 ta' Dicembru 2016 kienu marru l-imputati, Chris u Mark, u hallew zewg seats mat-tifel tieghu Carl, ghax hu ma kienx hemm. X'hin mar lura t-tifel qallu li kienu marru l-imputati u riedu s-seats ghal dakinhar, u hu qallu *'mela m'ghidtilhomx li qeghdin bin-nieqes'*. Hu cempel lil Chris u qallu li kien impossibli li jaghmluhom dakinhar, imma kien jaqdih t-Tnejn, u qallu biex jekk jrid jaqbad u jmur ghalihom ghax hu ma setax jaqdih. Hu tefgha s-seats hdejn il-bieb ta' barra, fir-rampa tieghu stess fejn jzomm l-affarijiet ta' nies ohra, mhux fit-triq. Peress li qeghdin fil-Wied go Valley Road, huma kellhom rampa gholja biex jilqghu l-ilma. Kif waslu Chris u Mark sabtu l-bibien u bdew jargumentaw, u jghidu li huma dejjem jaqduh meta jrid l-affarijiet malajr, imma x-xhud qalilhom li dakinhar biss ma' setax jaqdihom. Kien hemm hafna daghha u x-xhud qalilhom biex jaqtawha ghax kien hemm in-nies. Ix-xhud qal li t-tifel qal lil Mark biex jiskot ghax *'hara kollu'* u Mark waddab s-seat fid-direzzjoni tat-tifel u ta' daqqa ta' ponn lit-tifel Carl. Ix-xhud mar u ressaq lil Mark lejn ic-cint. Mark harablu u waqqalu n-nuccalli u flokk mar iferraqhom, Mark rega' tah daqqa ta' ponn go wiccu lil Carl, u Chris u Mark it-tnejn bdew jaghtu lil Carl mal-art. Ix-xhud kompla jghid li Joe Zammit, id-dealer ta' ma' genbu u Justin Vella li jahdem mal-pompa ferquhom. Lil Carl l-imputati, tawh bil-ponn

---

[4] Fol.46 et seq.

u b'saqajhom meta kien ma' l-art. Fil-kontro ezami ix-xhud ikkonferma li lil Carl rahom jaghtuh bis-sieq u ma' kienx qieghed jassumi. Waqt illi beda jzomm lil Chris ix-xhud ra lil Mark jaghti daqqa ta' ponn lil Carl. It-tifel kien ma' l-art u ix-xhud ma' jafx jekk zelaqx jew imbuttawhx l-imputati, imma jaf li baqghu jtuh bis-sieq waqt illi kien mal-art. Tawh bil-ponn go wiccu u meta kien ma' l-art u Carl gholla jdejh biex jilqa' d-daqqiet, imbaghad gew in-nies biex izzomuhom. Ix-xhud qal illi meta waslu l-imputati, dawn bdew jidghu quddiem il-klijent li hu u Carl kienu qeghdin jkellmu barra.

Illi fid-29 ta' Marzu 2017, xehed PS 491 Matthew Galea[5], fejn qal illi fit-2 ta' Dicembru 2016 Alfred Abela u t-tifel tieghu Carl Abela kienu ghamlu rapport li jumejn qabel fil-1130am kienu gew aggrediti mill-ahwa Mark u Chris Camilleri, gewwa l-garaxx taghhom bl-isem Abela Upholstery, li jinsab fit-Triq il-Wied, Msida, wara li kienu hadulhom zewg car seats ghat-tiswijja. Mark kien ried li s-seats jkunu lesti dakinhar, u kif qalulu li kien impossibli inqala' dizgwit. Skond Carl Abela, Chris beda jidghi u ma' ntlahaqx ftehiem. Missier Carl wasal xi ghaxar minuti wara u x'hin qallu x'gara hu kien cempel lil Chris.

Illi xehed ukoll Justin Vella[6] li jahdem mal-pompa tal-petrol fl-Msida. Hu kien qieghed jaghti l-fuel f'xi l-l0 ta' filghodu f' Dicembru u f'daqqa wahda sema' hafna dagha u ghajjat. Mar jara x'gara, u ra zewg persuni jsawwtu lil Carl Abela. Ix-xhud qal li hu ma' jafx x'jsimhom imma lil dawn iz-zewg persuni gharafhom fl-awla, bhala l-imputati. Ix-xhud kompla jghid li Carl beda jipprova jilqa' wiccu, ghax it-tnejn bdew jsawwtuh. Fil-kontro ezami, ix-xhud jghid, illi l-glieda kienet gol-garaxx ta' Fredu ghax jigi bieb ma' bieb mal-pompa. Hu mar mill-ewwel u flimkien ma' Alfred Abela ipprova jferraqhom, biex ma jkomplux jaghtu lil Carl. Ix-xhud qal li ma' kien hemm hadd aktar. Ra lil Carl ma' l-art u zewg persuni jaghtuh, u Carl kien qieghed jipprova jilqa'. L-papa ta' Carl kien barra u dahhlu flimkien biex jferrquhom.

Illi fil-15 ta' Gunju 2017 xehed it-tabib Dr. Julian Sammut Alessi, li gie muri dokument *a fol.* 22 li huwa c-certifikat li hu kien hareg ghal Carl Abela wara li kien rah fit-2 ta' Dicembru fil-11.15pm. Carl kellu tbengil fuq l-ahhar parti ta' subghajh iz-zghir u ksur ikkonfermat fuq x ray, ta'

[5] Fol. 55 et seq.
[6] Fol. 57 et seq.

subghajh iz-zghir tal-id ix-xellugija. Kellu ukoll tbengil m'ghajnejh u ukoll ugigh f'rasu, u lil Carl ghamlulu scan li wera' li ma kien hemm xejn. Il-griehi kienu gravi minhabba li kellu ksur li deher fuq ir-ritratt. Ix-xhud qal illi lil Carl, ma' regax rah wara dakinhar. Fil-kontro ezami ix-xhud jghid illi t-tbengil fuq subghajh kienu friski u meta misslu subghajh kien mugugh u b'hekk kien ha x ray u hareg li kellu ksur.

Illi fil-15 ta' Gunju 2017, xehed ukoll Robert Pirotta fejn qal li hu jahdem ta' tapizzar ma' Freddie Abela. Hu ma jiftakarx liema xahar kien l-incident, imma zgur li s-sena li ghaddiet, 2016. Ix-xhud kien mar lura wara l-break u x'hin dahal fil-garaxx, ra lil Carl Abela ma' l-art u Mark u Chris, l-imputati, li gharaf fl-awla, jaghtuh daqqiet f'wiccu u f'idejh. Fil-kontro ezami x-xhud qal illi Alfred Abela u d-dealer jismu Joe marru iferquhom. X'hin wasal hu, Carl kien gia ma' l-art, izda hu ma' rahx jaqa' u ma jafx kif waqa'. Ix-xhud qal illi Carl kien ma' l-art barra l-garaxx imma fil-biccca ta' barra li qisu passagg.

Illi fid-19 ta' Ottubru 2017, xehed Dr. Mario Scerri[7] li pprezenta Dok MS 1[8]. Hu kien gie inkarigat biex jezamina lil Carl Abela li kien allega li gie aggredit minn zewg persuni. Hu ezaminah fis-16 ta' Ottubru 2017. Irrizulta illi Carl Abela kellu frattura zghira fir-raba' subgha tal-id ix-xellugija, u ma kellux frattura fis-swaba l-ohra ta' l-id il-leminija. Ix0xhud ikkonferma illi din kienet lezjoni ta' natura gravi, izda ma' kienx hemm dizabilita ghax il-function kien preservat. Fis-subgha tal-lemin ma' kienx hemm ksur, ghalkemm kien hemm disfigurement u huwa daqxejn hyper flexed, izda din tigi maz-zmien ghax m'hix xi haga permanenti. Ix-xhud qal li din trid tkun taf biha biex tinduna at talking distance u ghalhekk kien deformed imma mhux disfigured.

Illi xehed Joseph Zammit[9] li jahdem bhala xufier ghal rasu u ghandu showroom tal-karrozzi, f'Valley Road, Msida. Kif wasal hu ra zewg persuni, li gharaf fl-awla bhala l-imputati, jirkbu fil-karrozza u jitilqu. Hu ma' ra xejn u ma' kienx involut sabiex jwaqqaf il-glieda, u lil dawn il-persuni li ra jitilqu ma' kienx jafhom. Ix-xhud cahad illi kien ferraq lil partijiet biex jwaqqaf il-glieda, u min kien qal hekk ma' kienx qal is-sewwa. Meta rega' gie mistoqsi jekk fil-fatt jafhomx lil akkuzati, ix-xhud qal illi kien jaf illi mill-Msida, imma ma' kienx jafhom u cahad li gieli

[7] Fol. 78
[8] Fol. 82
[9] Fol. 79

kellimhom u kiel il-kirxa maghhom. Ix-xhud qal li wara sar jaf li kien hemm glieda ghax qalulu t-tfal.

Illi xehdet l-ispettur Lara Butters fil-15 ta' Frar 2018[10], fejn qalet illi fit-22 ta' Dicembru 2016 kienet giet infurmata minn PS 491 li nhar it-2 ta' Dicembru 2016, kienu irrapurtaw Alfred u ibnu Carl Abela, li ghal habta tal-1130am kien inqala' argument, meta l-ahwa Chris u Mark Camilleri kienu marru gewwa l-garaxx bl-isema Abela Upholstery gewwa Valley Road, Msida. Huma kienu hadu zewg seats u riedu li jirrangawhom dakinhar, u meta Carl infurmahom li ma' setghux jlestuhom dakinhar, kien inqala' l-argument fejn Mark qabad joffendi lil Carl Abela u imbuttah u heddu, qabel Mark u Chris telqu minn fuq il-post. Xi ghaxar minuti wara wasal missier Carl, Alfred, li cempel lil Chris Camilleri u kien hemm aktar kliem hazin. Chris u Mark regghu marru l-garaxx fejn regghu bdew jargumentaw ma' Alfred Abela, li kien qieghed barra u hin minnhom Mark qabad seat u waddbu lejn Carl, izda ma' laqtux. Kien hemm certifikat mediku ta' Alfred Abela *a fol.* 21 li kellu griehi hfief u certifikat ta' Carl Abela *a fol.* 22 li kellu griehi gravi. Ix-xhud irriferiet ghal kopja tac-certifikat ta' Dr. Thomas Azzopardi *a fol.* 42, ghax ma kellhiex c-certifikat l-originali u emergency history ta' Carl ta' Mater Dei *a fol.* 43 u 45 u ritratti tal-griehi *a fol.* 39, 40 u 41. Ix-xhud pprezentat ukoll kwerela li hija rceviet a nom ta' Carl Abela ipprezentat u mmarkat bhala Dok LB1[11]. Fit-8 ta' Frar 2017 bghatet ghal Mark u Chris Camilleri u hadet l-istqarrija ta' Mark Camilleri [12] u l-istqarrija ta' Chris Camilleri [13] wara li rrifjutaw d-dritt li jitkellmu m'avukat[14]. L-iSpettur ipprezentat ukoll certifikat mediku mmarkat bhala Dok LB2[15] u affidavit ta' Dr. Thomas Azzopardi[16]. Illi l-istess xhud fl-4 ta' Ottubru 2018, xehdet illi ma' setghetx tipprezenta l-originali tac-certifikat li kien ghamel Mr. Thomas Azzopardi, li kien *a fol.* 42 ghax hi kienet inghatat kopja tieghu u mhux l-originali.

Illi fid-19 ta' Lulju 2018, rega' xehed Alfred Abela[17] fejn qal, illi meta Mark, li gharaf fl-awla, kien qieghed jsawwat lit-tifel tieghu, hu kien mar biex

---

[10] Fol. 109
[11] Fol. 113
[12] Fol. 8 et seq.
[13] Fol. 11 et seq.
[14] Fol. 14 u 15
[15] Fol.127
[16] Fol. 133
[17] Fol. 138

jzommu u Mark kien tefalu n-nuccali ma' l-art u nkiser. Ix-xhud pprezenta stima li giet mmarkata bhala Dok AA1[18] u certifikat tal-isptar mediku mmarkat bhala Dok AA2.

Illi fl-4 t'Ottubru 2018 xehed it-tabib Dr. Julian Sammut Alessi[19] fejn ikkonferma li c-certifikat *a fol.* 21 tal-process, kien ghamlu wara li kien ezamina lil Alfred Abela fit-2 ta' Dicembru 2016, fejn ma' kienx sab griehi, tbengil jew feriti. Hu kien ha ritratt tal-ispalla ghax kien qieghed jhoss ugigh u kiteb NID li tfisser *no injuries detected.* Ix-xhud gie ukoll muri dokument *a fol.* 127 li gharaf bhala certifikat fuq l-pazjent l-iehor li kien ezamina Carl Abela, fejn kien sab tbengil tas-seba' z-zghir tax-xellug li kien sab ksur wara x-ray u li Carl kellu ukoll ugigh tas-seba' tac-curkett tal-lemin izda ma' kellux ksur. Ix-xhud qal li lil Carl, kien ghamillu wkoll scan ta' rasu peress illi kellu t-tbengil m'ghajnejh imma l-iscan kien negattiv. Minhabba fi ksur l-griehi kienu ta' natura gravi.

Illi fis-17 ta' Jannar 2019 xehed Mark Muscat li ghandu hanut tan-nuccalijiet Optical Point li jinsab San Pawl il-Bahar, li gie muri dokument *a fol.* 139, fejn ix-xhud ikkonferma illi hija fiscal receipt tan-nuccali li ghamel Alfred Abela fl-ammont ta' €328.

Illi fit-12 t'April 2019 xehed l-ispecjalista tal-Ortopedija Thomas Azzopardi[20] li huwa ukoll konsulent Mater Dei. Ix-xhud gie muri certifikat fejn ikkonferma illi kitbu hu, wara li kien mar ghal vizta l-klinika tieghu, Carl Abela fis-27 ta' Jannar 2017 minhabba ksur fis-subgha tac-curkett fil-lemin. Ix-xhud qal illi hu ma' kitibx fir-rapport imma x'aktarx kien rah xi tabib tal-emergenza jew health centre qablu. Fil-kontro ezami ix-xhud qal illi jidhirlu li meta rah, il-ksur ma' kienx frisk u kien issugerixxa hand therapy, ghax Carl kien ghadu ma' fieqx, izda ma' jiftakarx dettalji ghax kien ghadda z-zmien. Il-pazjent kien ilmenta minn residual pain and swelling.

**Ikkunsidrat**

Illi principju baziku pprattikat mill-Qrati taghna fil-procediment kriminali, huwa li persuna tista' tigi ddikjarata hatja ta' l-akkuzi migjuba

[18] Fol. 139
[19] Fol. 149
[20] Fol. 162

fil-konfront tagha, meta dawn l-akkuzi jigu ppruvati oltre kull dubju ragjonevoli, cioe' oltre kull dubju dettat mir-raguni.

Illi l-Qorti qed taghmel referenza ghas-Sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-5 ta' Dicembru 1997, fl-ismijiet '**Il-Pulizija v Peter Ebejer**',[21] fejn il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni, hu dak il-grad li ma' jhalli ebda dubju dettat mir-raguni, u mhux xi grad ta' prova li ma' jhalli ebda ombra ta' dubbju. Id-dubji ombra ma' jistghux jitqiesu bhala dubji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li l-gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis c-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-bon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni. Fil-fatt il-Qorti ccitat l-ispjegazzjoni moghtija minn **Lord Denning** fil-kaz ***Miller v Minister of Pension*** - 1974 - ALL Er 372 tal-espressjoni 'proof beyond a reasonable doubt.'

*"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence. 'of course, it is possible but not in the least probable', the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice."*

Fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Graham Charles Ducker** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-19 ta' Mejju, 1997 gie ritenut illi:

*"it is true that conflicting evidence per se does not necessarily mean that whoever has to judge may not come to a conclusion of guilt. Whoever has to judge may, after consideration of all circumstances of the case, dismiss one version and accept as true the opposing one."*

Huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lil Qorti li l-akkuzi addebitati lil imputat huma veri u dan ghaliex kif jirritjeni il-**Manzini** fil-ktieb tieghu ***Diritto Penale Vol III Kap IV pagna 234, Edizione 1890***:

*"il cosi' detto onero della prova, cioe' il carico di fornire, spetta a chi accusa - onus probandi incumbit qui osservit".*

---

[21] Citata fis-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, Il-Pulizija vs Rachele Vella, per Onor. Magistrat Dr. Caroline Farrugia Frendo, Deciza 18.11.2020

**Ikkunsidrat**

Illi jirizulta illi l-imputati kienu gieli ghamlu xoghol ta' tapizzerija ghand il-*parte civile*. Fit-2 ta'Dicembru 2016, li kien il-Gimgha, l-imputati kienu marru fil-garaxx tal-*parte civile* Alfred Abela u hadu zewg seats ghat-tapizzerija u rieduhom lesti malajr. Hemmhekk sabu lit-tifel Carl li qalilhom li ma' setax jaqdihom qabel it-Tnejn u wara li inqala' dizgwit huma hallew is-seats u telqu bir-rabja. X'hin mar lura Alfred Abela cempel lil Chris u qallu li ma setax jaqdihom qabel it-Tnejn u jekk riedu setghu jmorru ghas-seats u jehduhom ghand haddiehor. Fi ftit minuti l-imputati wasslu l-garaxx tal-*parte civile* u bdew jitkellmu hazin u jidghu u x'hin Carl sikkithom u kellimhom baxx, Mark waddablu s-seat tal-karrozza u mar jigri fuqu u beda jaghtih. Alfred mar biex jipprova jferraqhom izda Mark harablu, u Chris u Mark komplew jaghtu lil Carl anke meta kien ma' l-art. Alfred, u Justin, li jahdem mal-pompa ta' faccata irnexxhielhom iferquhom. Robert Pirotta li jahdem m'Alfred, kif ukoll Justin Vella it-tnejn raw lil Mark u Chris jsawwtu lil Carl meta kien ma' l-art. Jirrizulta illi Carl Abela sofra minn griehi gravi u dan skond ic-certifikat tat-tabib li ezaminah, specjalista li rah xhur wara kif ukoll l-espert tal-Qorti Dr Mario Scerri, filwaqt illi Alfred Abela sofra minn griehi hfief u nkisirlu n-nuccalli waqt l-incident.

**Ikkunsidrat**

**L-Ewwel (1) Imputazzjoni migjuba fil-konfront ta' Mark u Christian Camilleri**
**(Artikoli 214, 215, 216(1)(a) (ii)(iii) (b)(d)(2) u 218(1)(a)(b)(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta)**

Illi fl-ewwel imputazzjoni l-imputati qed jigu mixlija li ikkagunaw feriti ta' natura gravi fuq il-*parte civile* Carl Abela.

Illi mix-xhieda jirrizulta, illi l-imputati hebbew ghal Carl Abela wara li dan, biex jipprova jsikkithom mid-dagha u mill-ghajjat, kellimhom hazin, fejn l-ewwel li aggredieh kien l-imputat Mark, fejn ta' diversi daqqiet lil Carl bil-ponn, fejn wara li Alfred Abela u cioe' missier Carl, beda' jipprova jofroq lil Mark u Carl, l-imputat l-iehor Christian beda' jaghti lil Carl bil-ponn u bis-sieq waqt illi Carl kien qieghed ma' l-art. Illi dak il-hin Carl beda' jipprova jilqa b'idejh fejn dan kompla jaqla d-daqqiet miz-zewg imputati f'diversi partijiet ta' gismu, idejh u rasu, sakemm l-imputati gew

mmnehija minn fuq Carl minn Justin Vella u Alfred Abela. Illi l-impjegat tal-*parte civile* Robert Pirotta ukoll ikkonferma illi ra lil imputati jagredixxu u jaghtu lil Carl waqt li dan kien ma' l-art u li l-imputati bdew jaghtuh fuq wiccu u fuq idejh.

Illi mic-certifikati pprezentati in atti, dwar il-griehi li sofra Carl Abela, mix-xhieda moghtija minn Dr Julian Sammut Alessi u mir-rapport datat 16 t'Ottubru 2017, maghmul mill-Espert tal-Qorti, Dr Mario Scerri, kif ukoll mix-xhieda ta' l-istess Espert, jirrizulta, illi l-*parte civile* Carl Abela sofra minn *'articular fracture tad-distal phalanx tar-raba' subgha tal-id ix-xellugija'* u *'li din il-frattura hija lezjoni ta' natura gravi per durata', 'kif ukoll kien hemm flexion fid-distal interphalangeal joint tar-raba' subgha tal-id il-leminija li tista tkun rizultat ta' blunt trauma fuq il-gog tas-subgha msemmi,'* pero *'ma' rrizultax illi hemm dizabilita fil-funzjoni tas-swaba'*.

Illi wara dan ir-rapport u x-xhieda moghtija, il-Qorti hija konvinta illi **l-ewwel imputazzjoni migjuba kontra l-imputati,** ghall-offizi ravvizati bl-Artikoli 214, 215 u 216(1)(d)(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta gew ppruvati sal-grad rikjest mill-Ligi.

**<u>It-Tieni (2) Imputazzjoni migjuba fil-konfront ta' Mark u Christian Camilleri</u>**
**<u>(Artikolu 339 (1)(e)</u> tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta)**

Illi t-tieni imputazzjoni titratta ma' *"inġurji jew theddid mhux imsemmijin band'oħra f'dan il-Kodiċi, jew jekk ikun ipprovokat, jinġurja b'mod li joħroġ barra mil-limiti tal-provokazzjoni"*

Illi mix-xhieda kemm ta' Carl Abela kif ukoll ta' Alfred Abela irrizulta illi z-zewg imputati ireagixxew b'mod vjolenti fil-konfront tal-*parte civile,* meta' dawn irrifjutaw illi jsir ix-xoghol li gabu l-imputati b'mod immedjat, pero' fl-ebda testimonjanza moghtija mix-xhieda fil-kawza odjerna, ma' ntqal illi l-immputati b'xi mod ingurjaw bil-kliem jew ghamlu xi theddid fil-konfront tal-*parte civile* u ghalhekk il-Qorti hija konvinta illi din l-imputazzjoni **ma' gietx ppruvata sal-grad rikjest** mill-Ligi.

**<u>It-Tielet (3) u r-Raba' (4) Imputazzjoni migjuba fil-konfront ta' Mark u Christian Camilleri</u>**
**<u>(Artikolu 338 (bb) u 338(dd)</u> tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta)**

Illi Artikolu 338(bb) jitratta ma' l-offiza ta' kliem oxxen jew indecenti li jkun inghad fil-pubbliku li joffendi l-morali, l-imgieba xierqa jew id-decenza pubblika, filwaqt illi Artikolu 338(dd) jitratta mal-ksur volontarju tal-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku b'ghajjat u glied.

Fir-rigward r-raba' imputazzjoni, ossia l-ksur tal-bon ordni u l-paci pubblika ai termini tal-Artikolu 338(dd) tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali, fl-20 ta' Mejju 2013, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Rocco D'Alessandro**, fejn inghad hekk: "Il-kuncett Ingliz ta' 'breach of the peace' li, kif ingħad, il-Qrati tagħna jidher li fil-massima segwew, gie spjegat mill-Professur A.T.H. Smith fil-ktieb tiegħu 'Offences Against Public Order' (London, Sweet & Maxwell, 1987) hekk:

"Because of the association between 'peace' and 'quiet', there is a natural tendency to suppose that a breach of the peace is 'any behaviour that disturbed or tended to disturb the tranquillity of the citizenry'. But if any legal expression is a term of art, breach of the peace is one of them. Recently the courts have refined the concept and established very clearly that it is allied to harm, actual or prospective, against persons or property. The leading modern authority is undoubtedly the decision of the Court of Appeal in Howell T. Watkins L.J. which said: ' ... Even in these days when affrays, riotous behaviour and other disturbances happen all too frequently, we cannot accept that there can be a breach of the peace unless there has been an act done or threatened to be done which either actually harms a person, or in his presence his property, or is likely to cause such harm, or which puts someone in fear of such harm being done' (p.182).

Minn dana kollu din il-Qorti tara li, bħala regola, ikun hemm il-kontravvenzjoni kontemplata fil-paragrafu (dd) ta' l-Artikolu 338 tal-Kapitolu 9, meta jkun hemm għemil volontarju, li minnu nnifsu jew minħabba c-cirkostanzi li fihom dak l-għemil iseħħ, inissel imqar minimu ta' inkwiet jew thassib f'moħħ persuna (li ma tkunx l-akkużat jew imputat) dwar l-inkolumita` fiżika ta' persuna jew dwar l-inkolumita` ta' proprjeta`, kemm b'rizultat dirett ta' dak l-għemil, jew minħabba l-possibilita` ta' reazzjoni għal dak l-għemil. Naturalment dawn iċ-

ċirkostanzi jridu jkunu tali li oġġettivament inisslu l-imsemmi nkwiet jew tħassib." Issa f'dan il-kaz, ir-raba' imputazzjoni kif dedotta kontra l-imputati titkellem dwar ksur tal-bon ordni u l-paci pubblika b'ghajjat u glied.

Illi l-*parte civile* Carl u Alfred Abela it-tnejn xehedu illi z-zewg imputati meta' gew fil-garaxx tal-*parte civile,* kemm Chris u kemm Mark bdew jidghu, u jghajjtu quddiem klijent li kien baqa' fuq barra tal-garaxx tal-*parte civile,* fejn fil-fatt l-incident sehh ghaliex il-*parte civile* ppruvaw isikktu lil imputati, u sahansitra, l-impjegat tal-*parte civile,* Robert Pirotta kif ukoll Justin Vella li jahdem fil-pompa tal-Petrol biswit il-garaxx tal-*parte civile* qalu li semghu hafna dagha ghajjat u storbju gej mill-garaxx, u dahhlu jigru sabiex jaraw x'gara.

**Il-Qorti ghalhekk hija konvinta illi t-tielet (3) u r-raba'(4) imputazzjoni migjuba fil-konfront ta' l-imputati, gew ppruvati sal-grad rikjest mill-ligi.**

**Il-Hames (5) imputazzjoni migjuba fil-konfront ta' Christian Camilleri wahdu**
**(Artikolu 49(c) tal-Kapitolu 399 tal-Ligijiet ta' Malta)**

Illi l-Artikolu 49 (c) tal-Kapitolu 399 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi illi

> *"Kull min permezz ta' xi network jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika:*
>
> *(ċ) jagħmel użu ieħor mhux xieraq bih"*

Illi ghalkemm fix-xhieda tal-*parte civile* jirrizulta illi Alfred Abela ghamel telefonata lil wiehed mill-imputati u cioe' lil Christian Camilleri, minn imkien ma' jirrizulta b'liema mod l-istess imputat ghamel uzu mhux xieraq ta' xi network jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika, u ghalhekk il-Qorti hija konvinta illi **din l-imputazzjoni ma' gietx ppruvata sal-grad rikjest mill-Ligi.**

**Il-sitt (6) imputazzjoni migjuba fil-konfront ta' Mark Camilleri wahdu**
**(Artikolu 328(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta)**

Illi fir-rigward is-sitt imputazzjoni Artikolu 328 jipprovdi illi:

*'Kull min, b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni tiegħu, jew b'nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti, jikkaġuna ħruq, jew jagħmel xi ħsara jew iħassar jew jgħarraq xi ħaġa, kif imsemmi f'dan is-Sub-titolu, jeħel, meta jinsab ħati*

> *(d) f'kull każ ieħor, il-piena ta' priġunerija għal mhux iżjed minn tliet xhur jew il-multa jew il-pieni tal-kontravvenzjonijiet'*

Illi jirrizulta mix-xhieda tal-*parte civile* Carl u Alfred Abela illi waqt li kienet ghaddejja il-kommossjoni u Alfred beda' jipprova jzomm lil imputat Mark milli jsawwat lil Carl, Mark waqqa' n-nuccali t'Alfred ma' l-art fejn dan spicca nkiser. Illi wkoll ix-xhud Mark Muscat proprjetarju tal-hanut Optical Point ikkonferma l-ircevuta *a fol.* 139 ta' l-atti processwali, li kienet ircevuta ghat-total ta' tlett mija u tmintax-il Euro (€ 318) f'isem Alfred Abela fejn gie ordnat nuccali tal-vista fil-5 ta' Dicembru 2016.

**Il-Qorti ghalhekk hija konvinta illi l-imputazzjoni bin-numru sitta (6) migjuba fil-konfront ta' l-imputat Mark Camilleri, giet ppruvata sal-grad rikjest mill-ligi.**

**Is-seba'(7) imputazzjoni migjuba fil-konfront ta' Mark Camilleri wahdu**
**(Artikolu 214, 215 u 221(1)(3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta)**

Illi s-seba imputazzjoni tittratta m'offizi volontarji fuq persuna, fejn l-imputat Mark Camilleri qed jigi akkuzat illi kkaguna feriti ta' natura hafifa fuq il-*parte civile* Alfred Abela.

Illi l-Qorti wara li rat u seghmet ix-xhieda tal-*parte civile* Alfred Abela kif ukoll rat ic-certifikat mahrug lilu minn Dr Julian Sammut Alessi u semghat ix-xhieda ta' l-istess tabib, ma' jirrizultax illi l-*parte civile* Alfred Abela sofra minn griehi hfief u ghalhekk il-Qorti hija konvinta illi l-imputazzjoni numbru **seba' (7) migjuba fil-konfront ta' l-imputat Mark Camilleri, ma' gietx ppruvata sal-grad rikjest mill-ligi.**

**Decide**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti filwaqt illi qed **tillibera** liz-zewg imputati **Mark Camilleri u Christian Camilleri** mill-imputazzjoni migjuba fil-konfront taghhom bin-numru **tnejn (2)**, qed **tillibera** lil **Christian**

**Camilleri** mill-imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu wahdu bin-numru **hamsa (5)** u qed **tillibera** lil **Mark Camilleri** mill-imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu wahdu bin-numru **seba'(7),** wara li rat l-Artikoli 7, 31, 214, 215, 216(1)(d)(2), 338(bb), 338(dd) u 342 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed issib lil imputati **Mark Camilleri u Christian Camilleri hatja ta' l-imputazzjonijiet bin-numru wiehed (1), numru (3) u numru (4),** filwaqt illi wara li rat Artikolu 7 u 328(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed issib lil imputat **Mark Camilleri wahdu hati ukoll ta' l-imputazzjoni bin-numru sitta (6).** Il-Qorti qed **tikkundanna lil imputati Mark Camilleri u Christian Camilleri, ghal sitt (6) xhur prigunerija kull wiehed,** illi b'applikazzjoni ta' l-**Artikolu 28A tal-Kapitolu 9** tal-Ligijiet ta' Malta qed jigu **sospizi ghal perjodu ta' tlett (3) snin** mill-llum.

Dwar it-talba tal-prosekuzzjoni, sabiex din il-Qorti taghti garanzija fil-konfront tal-*parte civile,* **Carl Abela ai termini tal-Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta,** fic-cirkostanzi din il-Qorti thoss li tali talba hija gustifikata u qeda torbot lil imputati **Mark Camilleri u Christian Camilleri** b'garanzija personali ta' **elfejn Euro (€2,000) kull wiehed, ghal zmien sena mill-llum** u dan billi ma jimmolestawx, ma jdejjqux u ma' jingurjawx lil *parte civile* **Carl Abela u lil familjari tieghu.**

In oltre ai termini tal-**Artikolu 533 tal-Kapitolu 9** tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qed tikkundanna lil hatja Mark Camilleri u Christian Camilleri bejniethom, ghall-hlas tas-somma ta' **mitejn u hamsin ewro u ghoxrin centezmu (€250.20)** li huma spejjez relatati ma' l-esperti mahtura f'dawn il-proceduri.

Kif ukoll ai termini tal-**Artikolu 15A tal-Kapitolu 9** tal-Ligijiet ta' Malta, bhala kumpens għal dak it-telf li sofra Alfred Abela, vittma t'offiza kkawzata mill-hati Mark Camilleri, tordna lil hati **Mark Camilleri wahdu** jikkumpensa lil Alfred Abela fl-ammont **ta tlett mija u tmienja u ghoxrin Ewro (€ 328).** Din l-ordni ghandha l-istess forza u effett u hija ezegwibbli bl-istess mod bħallikieku nghatat f'kawża ċivili bejn l-imputat u l-parte leza.

Il-Qorti spjegat lil hatja fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza u x'jigri jekk jikkommettu reat iehor fi zmien tlett (3) snin mill-llum.

Tordna notifika ta' din is-sentenza u d-digriet anness lil Kummissarju tal-Pulizija.

**Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**
Magistrat